**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 160/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Kevin Cacciatolo**

**Illum 29 t'April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Kevin Cacciatolo** detenur tal-karta tal-identita Maltija **421276M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, li ma jeċċediex l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin centeżmu (2390.24), għad-detriment ta' Anthony Buttiġieġ ta' 72 sena u/jew ta' persuna/i oħra;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor fperiklu ċar, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Buttigieg skont kif iċċertifika Dr. Ramona Camilleri (Med Reg. No 3672) mill-Isptar Mater Dei;

3. Bl-imġieba tiegħu u cioe billi xjentement ikkawza offiża gravi fuq il-persuna ta' Anthony Buttigieg ta' tnejn u sebghajn sena (72), meta kien jaf jew missu li kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti; gleghel jew ippermetta li isofri jew gab fuqu uglegh fiziku jew tbghatija mentali mhux ġustifikabbli;

4. Bla ordni skont il-liġi, arresta, zamm jew issekwestra lil Anthony Buttigieg persuna anzjana ta' 72 sena kontra Ivolonta ta listess persuna imsemmija jew ta' adult jew b'xi mod jirrestringi jew jostakola l-moviment liberu u access ostakolat ta' listess persuna jew ta' adult dipendenti;

5. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma regolari;

6. Garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xort jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il- Kummissarju tal-Pulizija;

7. Talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija kkunddannat lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tohrog Ordni ta' Trattament li jkun mehiteg fil-konfront ta' Kevin Cacciatolo u dan ai termini 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' April 2023,l-appellanti nstab hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u gie kkundannat sitt snin prigunerija effettiva filwaqt li l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-vettura Toyota Vitz ABO842 u hlas tal-ispejjez kollha;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Kevin Cacciatolo prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fit-28 ta' April ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tiddikjara l-proceduri fil-konfront tal-appellant Kevin Cacciatolo bhala nulli u konsegwentement sabiex tordna li l-atti jintaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja u/jew lura lill-Qorti tsal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma'l-kaz mill-gdid; u/jew;
- Tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-atti jintbaghtu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja fit-termini tal-Ligi u/jew;
- Tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-atti jintbaghtu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-termini tal-ligi sabiex isiru l-kontro-ezamijiet, jitresqu xhieda in difeza u jsiru sottomissjonijiet mill-Avukat ta' fiducja tal-appellant u/jew;
- Tvarja s-sentenza appellata fejn instab hati tal-imputazzjonijiet numru 3,4,5,6 u 7 u tilliberah minnhom u konsegwentement tvarja l-piena u/jew;
- Tvarja s-sentenza appellata in kwantu tikkoncerna l-piena.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**L-ewwel aggravju: Nullita tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti in kwantu ma ġietx osservata l-proċedura kif ravvizata fl-Artikolu 370(3)(b) u/jew l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali**

Illi minn eżami tal-verbal datat 22 ta' Novembru, 2021 a folio 340 jirriżulta s-segwenti:

"Inqraw l-Artikoli.

L-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il- Qorti."

Illi jirriżulta b'mod car illi l-Ewwel Qorti naqset milli ssegwi l-proċedura ravvizata fl-Artikolu 370(3)(b) u l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif del resto mitlub mill-Avukat Ġenerali. L-Artikolu 370(3)(b) u (f) jgħidu testwalment illi:

b. "Fuq talba tal-Avukat Ġenerali lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, **il-qorti ghandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi procedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha żmien xieraq biex Iwleġeb għal din il-mistoqsija."**

f. "**Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi ttrattat bi procedura sommarja,** kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Generali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)."

Illi minn imkien ma jirriżulta li l-Ewwel Qorti saqsiet lill-appellant (qua imputat) għandux oġġezzjoni li jiġi trattat bi proċedura sommarja u wisq anqas ma ngħata żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija;

Illi dan in-nuqqas ta' osservanza tad-dettami tal-Artikolu 370(3)(b) u (f) jirriżulta fin-nullita' tal-proċedura li ttiehdet fil-konfront tal-appellant Kevin Cacciattolo;

Illi hawnhekk, l-appellant jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imhallef Giovanni Grixti datata 1 ta' Novembru, 2021 (Appell Numru 593/2016) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maurice Attard**. F'dan l-appeli tqajjem aggravju proprju abbażi tan-nullita' tal-proċeduri li ttiehdu fil-konfront tal-appellant Maurice Attard minħabba li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx il-mistoqsija lill-imputat Attard. I- appellant sejjer jikkwota verbatim mis-sentenza fuq ċitati: 1

> *"7. Illi l-kompetenza tal-Qrati hija dejjem kwistjoni ta' ordni pubbliku ghaliex qorti ma tistax tassumi poteri li mhumhiex moghtija lilha bil-ligi.* ***Issa, is- subartikolu (b) riprodott supra huwa mfassal b'mod illi l-Qorti ghandha taghmel dik il-mistoqsija lill-imputat. Apparti dan l-obbligu is-subartikolu huwa mfassal b'mod li jidher li hu in omagg tal-principju tal-kwistjoni tal-ordni pubbliku tant illi johloq certu solennita' fil-forma tal-mistoqsija billi jitfa' piz fuq il-Qorti li taghti zmien xieraq lill-imputat sabiex iwiegeh ghaliha Ghalhekk din il-formalita' essenzjali li ma tistax tkun inferita jew dezunta*** *bhalma qed ikun argumentat mill-Avukat Generali u dan ghaliex bl- artikolu 370 huwa inkonfutabbli illi l-kompetenza tal-Qorti meta r-reat ikun jezorbita l-kompetenza original tagħha hija radikata minn zewg elementi : 1- ordni tal-Avukat Generali li l-kaz jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali flimkien man-nuqqas ta' oggezzjoni tal- imputat ghas-smiegh bl-istess procedura;"*

> *"12. Ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi la darba n-nuqqas ta' osservanza tal-formalita' huwa wiehed fatali u la darba s-saving clause konsiderata fil-paragrafu ta' qabel dan tesigi adezjoni mal-procedura fis-sehh qabel l-emenda, l-kwistjoni dwar in-nullita' o*

*meno ddur fuq il-procedura li kellha tintuża fiz-zmien tal-process fejn fl-istadju partikolari l-Qorti naqset milli tqieghed dik il-mistoqsija essenzjalment mehtiega biex tkun determinata 1- kompetenza tagħha anke jekk, gratia argomenti, jintlaqa' l-ewwel aggravju u l- atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Magistrati li issa hi moghnija b'kompetenza originali. Li kieku ma kienx hekk, din il-Qorti tkun qed tiehu konjizzjoni u tiddecledi fuq sentenza li inghatat minn Qorti priva mill-kompetenza mehtiega biex tiddeciedi dwar dak il-mertu;*

*13. Illi għalhekk, filwaqt illli tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti tal- ewwel aggravju u tal-aggravji l-ohra, in vista' tal-karenza fil-formalita' tal- proceduri quddiem l-ewwel Qorti liema formalita' hija wahda essenzjali, qed tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata. Stante li l-materja in kwistjoni mhix kolpita bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminall fejn din il-Qorti altrimenti kienet tkun fl-obbligu Il tiddetermina l-kaz mill-gdid hi stess, u stante li l-allegati reati llum jirrientraw fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid."*

Illi din il-formalita' ma tista qatt tiġi deżunta jew, inferita, il-formalita' kif rikjesta fl-Artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija essenzjali:

Illi għalhekk, in vista tal-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset milli ssegwi l-proċedura ravvizata fl-Artikolu 370(3)(b) u/jew l-Artikolu 370(3) (f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l- appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-aggravju, tiddikjara l-proċeduri fil- konfront tal-appellant Kevin Cacciattolo bhala nulli u bla effett u konsegwentement sabiex tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja u/jew lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tisma l-każ mill-ġdid;

**It-tieni aggravju: Nullita tas-sentenza appellata in kwantu l-Ewwel Qorti ma kinitx cara fid-decide tagħha ta' liema artikoli l-appellant qiegħed jinstab hati**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravju suespost, minn qari tal-parti disposittiva tas-Sentenza, wiehed jara li l-Ewwel Qorti ċċitat l-artikoli kollha indikati mill-Avukat Ġenerali iżda kull ma hemm dikjarat huwa li "issib lill-imputat hati... tal-imputazzjonijiet kollha" mingħajr ma huwa espressament indikat ta' liema artikoli tal-Liġi l-appellant kien qiegħed jinstab hati (għajr ghall-indikazzjoni tal-Artikolu 49).

Illi dan in-nuqqas fis-Sentenza jirrendiha nulla u bla effett;

Ghaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-sentenza appellata fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Kevin Cacciattolo bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-atti jintbghatu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja sabiex il-każ tal-appellant jinstema' mill-ġdid;

**<u>It-tielet aggravju: Nullita tas-sentenza appellata in kwantu l-Ewwel Qorti ččítat 1-Artikolu 216 b'mod generiku fil-parti disposittiva tas-sentenza</u>**

Illi mingħajr pregudizzju għall-aggravji precedenti, l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza ċċitat l-Artikolu 216 b'mod generiku kif jirriżulta minn paġna sitta tas- sentenza llum appellata;

Illi l-Artikolu 216 fih żewġ sub-artikoli u tmien sub-inċiżi, għalhekk fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Qorti kellha tindika b'mod čar ta' liema sub-artikolu u/jew sub-inċiż instab hati;

Illi l-fatt li l-Artikolu 216 ġie čitat b'mod generiku jrendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla u bla effett;

Illi għalhekk, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-sentenza appellata fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Kevin Cacciattolo bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-atti jintbgħatu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja sabiex il-każ tal-appellant jinstema' mill-ġdid;

**<u>Ir-raba aggravju</u>: Nullita tas-sentenza appellata in kwantu hemm kontradizzjoni fil-parti disposittiva tas-sentenza meta l-Ewwel Qorti ċċitat l-Artikoli 50 u 289 iżda sabitu hati biss tal-Artikolu 49**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-Ewwel Qorti fis-Sentenza ċċitat l- Artikoli 50 u 289 iżda iktar l-isfel fid-decide stqarret li qiegħda ssibu hati biss tal-Artikolu 49 umbad li qiegħed jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontrih;

Illi naturalment din il-kontradizzjoni toħloq incertezza f'moħħ l-imputat u għalhekk fl- umli fehma tal-appellant din timporta n-nullita tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti;

Illi hawnhekk l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Shirley Mamo</u>** deċiża fl-4 ta' Frar, 2022 fejn l-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera rritenlet x'inhu l-interess guridiku tutelat bid-disposizzjoni rilevanti:

> "*L-interess ġuridiku tutelat b'din id-disposizzjoni u l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza iddur madwar il-fatt li* ***n-nuqqas t'osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jista' joħloq incertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li Jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.*** *Fi kliem lehor, minn qari tal-parti operativa tas-sentenza,* ***I-imputat irid ikun f'pożizzjoni illi jifhem b'mod car il-bażi legali tal-htija tiegħu*** *u l-fatti li fuqhom il-Qorti tkun hekk qieghda ssibu hati. Il-ġurisprudenza ma tippermettix wisq*

*impreċiżjonijiet li jolqtu s-sustanza ta' dan l-interess ġuridiku tutelat."*

Illi għalhekk, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-sentenza appellata fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Kevin Cacciattolo bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-atti jintbghatu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja sabiex il-każ tal-appellant jinstema' mill-ġdid;

**<u>II-hames aggravju</u>: Nullita tas-sentenza appellata in kwantu l-esponent ma ngħatax l-opportunita' jressaq difiża xierqa**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji precedenti, ghandu jigi rilevat li fil-kawża odjerna l-appellant ma ngħatax opportunita' xierqa jressaq il-provi tiegħu, jagħmel id-difiża u jitratta l-kawża tieghu;

Illi l-Artikoli tal-Avukat Ġenerali nhargu nhar 1-20 ta' Jannar tas-sena 2020 a folio 324 b'riżerva ghall-kull prova oħra li tesiġi li tressaq il-Prosekuzzjoni;

Illi fis-seduta ta' wara li nharġu l-Artikoli deher l-Avukat difensur tal-appellant li nforma 1-Qorti li l-appellant kien qiegħed jagħmel programm;

Illi s-seduti ta' wara tal-14 ta' April 2020 u tas-27 ta' April, 2020 ġew differiti minħabba 1-imxija tal-COVID-19;

Illi fis-seduta ta' wara tas-6 ta' Ottubru, 2020 ma deher hadd;

Illi s-seduti ta' wara tal-24 ta' Novembru, 2020 u t-8 ta' Jannar, 2021 ġew differita minħabba xoghol iehor ta' natura hafna aktar urgenti (folio 330 u 331);

Illi s-seduta ta' wara tad-9 ta' Marzu, 2021 ġiet differita minħabba l-pandemija;

Illi s-seduta ta' wara tat-18 ta' April 2021 ġiet differita sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara jew li se taghlaq il-provi definittivament jew tiddikjara xi provi fadlilha (folio 333);

Illi s-seduta ta' wara tal-5 ta' Lulju, 2021 ġiet differita minħabba xogħol iehor ta' natura urgenti (folio 334);

Illi s-seduta ta' wara tas-27 ta' Settembru, 2021 ġiet differita fuq talba tal-Uffiċjal Prosekutur (folio 339);

Illi fis-seduta ta' wara tat-22 ta' Novembru, 2021 deher l-imputat mhux assistit fejn inqraw l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li din il-kawża tiġi deċiża minn din il-Qorti. Huwa ukoll ivverbalizzat a folio 340 illi aktar qabel deher l-Avukat difensur tal-appellant. Dakinhar l-Ewwel Qorti ddiferiet il-kawża għas-16 ta' Marzu 2022 għall-provi kollha tad-difiża (folio 340);

Illi s-seduta ta' wara tas-16 ta' Marzu, 2022 ma seħħitx minħabba l-elezzjoni ġenerali u l-miġja tal-Papa;

Illi s-seduta ta' wara tal-20 ta' Ġunju, 2022 ma saritx minħabba li l-Uffiċjal Prosekutur kienet imsiefra fuq xogħol u l-kawża thalliet għall-provi kollha tad-difiża u trattazzjoni finali (folio 343).

Illi fis-seduta ta' wara tas-6 ta' Diċembru, 2022 il-Qorti kkonċediet lid-difiża tippreżenta l-provi dwar il-kwistjoni tas-sanzjoni fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2023 u b'hekk ġiet differita ghat-trattazzjoni finali għall-istess data;

Illi fil-mori tad-differiment l-Avukat tal-appellant ppreżenta nota datata 20 ta' Diċembru, 2022 permezz ta' liema nota ddikjara li huwa qiegħed jirrinunzja għall-patročinju tal- appellant (qua imputat) Kevin Cacciattolo;

Illi fit-18 ta' Jannar, 2023 deher l-imputat mhux assistit li ddikjara li kien inkariga avukat difensur ġdid. Nonostante, l-Ewwel Qorti halliet il-kawża għas-sentenza ghat-12 ta' April 2023 u dakinhar tat-12 ta' April, 2023 inghatat is-sentenza, llum appellata;

Illi tajjeb li jigi rilevat li la l-appellant u lanqas avukat ta' fiduċja tal-appellant qatt ma <u>ddikjaraw il-provi tad-difiża definittivament magħluqa jew il qiegħdin jirrinunzjaw ghas- sottomissjonijiet finali:</u>

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li wara l-qari tal-Artikoli tal-Avukat Ġenerali l-kawża fil-konfront tal-appellant giet differita ghal mill-inqas hdax-il darba (ghal raġuni mhux imputabbli ghall-appellant), l-Ewwel Qorti ma tatx lill-appellant iċ-ċans imqar ta' differiment wiehed sabiex jagħti ċans lil avukat difensur ġdid li jista' jistudja l-każ tiegħu bir-reqqa kif misthoqq, jagħmel difiża xierqa u jagħmel trattazzjoni finali qabel ma tinghata s-sentenza.

Illi jemani car daqs il-kristall li l-prinċipju tal-*equality of arms* ma ġiex osservat u dan ghad-detriment tal-appellant.

Illi l-kawża fil-konfront tal-appellant kienet ilha tinstema' minn Awwissu tas-sena 2018 u ma kien hemm ebda raġuni partikolari l-għaliex l-appellant ma kellux jingħata żmien xieraq u ċans almenu wiehed sabiex iressaq id-difiża tiegħu tramite avukat ġdid (in vista tar-rinunzja tal-avukat difensur precedenti). Ma kinitx ser tagħmel differenza għall- partijiet konċernati għajr għall-appellant kieku ngħata &-ċans li jressaq il-provi in difeża u jinstemgħu sottomissjonijiet finali - bir-riżultat li s-Sentenza ngħatat mill-Ewwel Qorti mingħajr l-appellant qatt ma lissen prova u sottomissjoni in difeża:

Illi in oltre jirriżulta ukoll li l-appellant iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-Ewwel Qorti tiddeċiedi l-kawża mingħajr ma kellu l-avukat difensur tiegħu preżenti! Deċiżjoni ta' natura legali bhalma hija dikjarazzjoni sabiex bniedem jipproċed! bil-proċedura sommarja jew jitqiegħed taht att ta' akkuża ċertament teħtieġ direzzjoni jew ahjar konsultazzjoni ma' avukat u ma ghandha qatt issir mill-imputat innifsu mingħajr ma biss jaf x'qieghed jiddikjara;

Illi dan kollu jirrendi s-Sentenza tal-Ewwel Qorti nulla u bla effett;

Illi għalhekk, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara s-sentenza appellata fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Kevin Cacciattolo bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-atti jintbghatu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jingħata l-opportunita' li jagħmel kontro- eżamijiet, iressaq provi in difeża u jagħmel sottomissjonijiet qabel ma tinghata s-sentenza finali;

**<u>Is-sitt aggravju - r-reati addebitati ma jirriżultawx</u>**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji suesposti, fl-umli fehma tal-appellant 1-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5 u 6 ma jirriżultawx in kwantu ma ġewx sodisfjaċentement ippruvati permezz ta' provi ammissibbli u skont il-Ligi;

Illi preliminarjament fl-umli fehma tal-appellant l-istqarrija li ngħatat mill-appellant hija inammissibli;

Illi mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-appellant ingħata ittra bid-drittijiet tiegħu;

Illi in oltre jidher li l-Uffiċjal Prosekutur kienet konxja tal-vizzju tal-appellant u li l-appellant ma kienx fi stat li jaghti ebda dikjarazzjoni u/jew stqarrija;

Illi in oltre jidher minn folio 11 tal-atti proċesswali li hemm miktub li l-appellant ingħata dritt li jitkellem ma' avukat qabel interrogazzjoni jew li jkollu avukat preżenti waqt l- interrogazzjoni. Fl-umli fehma tal-appellant din id-dikjarazzjoni turi b'mod ċar li l- appellant kellu jagħżel bejn iż-żewġ drittijiet, meta filfatt għandu dritt jikkonsulta ma' avukat kemm qabel l-interrogazzjoni tiegħu kif ukoll li jkollu avukat ta' fiduċja tiegħu waqt l-interrogazzjoni tiegħu;

Illi għaldaqstant, tenut kont iċ-ċirkostanzi fuq spjegati, l-appellant jitlob li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tiskarta l-istqarrija moghtija mill-appellant in kwanti din hija inammissibli u tordna l-isfilz tagħha mill-atti proċesswali;

Illi in oltre l-fatti, provi u čirkostanzi tal-każ ma jikkonfugirawx taħt l-Artikolu 257C kif ċitat mill-Avukat Generali fir-rinviju għall-ġudizzju iżda jikkonfiguraw biss taħt l-Artikolu 257A u dan jemani čar mill-atti proċesswali;

Illi għalhekk mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati taht I-Artikolu 257C filwaqt li l-Artikolu 257A ma ġiex čitat mill-Avukat Ġenerali fl-artikoli (a folio 324);

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 5 l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha ripetutament ghamlet riferenza ghal-'sikkina', iżda ma hemm xejn fl-atti proċesswali li jwassal għal konklużjoni li l-appellant kellu fidu sikkina;

Illi din il-konklużjoni da parti tal-Ewwel Qorti ma ssib ebda konfort fil-provi prodotti mill- prosekuzzjoni u għalhekk fl-umli fehma tal-appellant hija wahda manifestament żbaljata;

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji oħra sollevati, l-uniku oġġett li ssemma fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti huwa turnavit u mhux sikkina;

Illi meta wiehed thares lejn it-tifsira ta' arma regolari fl-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, turnavit ma jaqax taht din it-tifsira. Hawnhekk l-appellant ser jikkwota verbatim mit-test tal-Liġi:

> "*(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod I- ohra kollha li għandhom bhala skop principali d-difiża ta' wiehed innifsu jew l- offiża ta' haddiehor.*"

Illi b'kull dovut rispett, turnavit ma għandux skop principali ta' difiża jew offiża ta' persuna;

Illi għalhekk, l-appellant umilment isostni li l-Ewwel Qorti ma setghetx raġjonevolment tasal għas-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu, u għalhekk jitlob li din l-Onorabbli Qorti Joghgobha tvarja s-Sentenza tal-Ewwel Qorti llum appellata u tilliberah mill- imputazzjonijiet numru 3, 4, 5 u 6;

**Is-sebgha aggravju - is-sebgha imputazzjoni ma ġietx ippruvata (recediva)**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji suesposti, l-appellant jishaq li fl-umli fehma tiegħu ma seta' qatt jinstab hati tal-imputazzjoni tar-recidiva in kwantu din l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċjentement ippruvata;

Illi l-Avukat Ġenerali fl-artikoli datati 20. ta' Jannar tas-sena 2020 a folio 324 jagħmel riferenza għall-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;

Illi l-Ewwel Qorti fis-Sentenza tagħha sabet lill-appellant "*hati, bhala recidiv biss fit-termini ta' l-Artikolu 49 Kap 9*";

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjoni in kwantu r-reċediva: "*Illi dwar l-addebitu tar-recidiva, gewipprezentati l-fedina penali ta' l- imputat, kif ukoll zewg sentenza (ara folio 200 et seq.)... illi dan kollu gab legittimament lill-imputat passabbli għar-reati addebitati. Il-kaz tal-prosekuzzjoni gie ghalhekk ippruvat b'success skond il-ligi.*";

Illi meta wiehed jifli s-sentenzi esebiti mill-Ispettur Lara Butters immarkati bhala Dok NC u Dok LQ, wiehed jara illi permezz tas-sentenza Dok NC dik Il-Qorti poġġiet lll

"imputat that is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Joanne Battistino ghal zmien sentejn". Dan jirriżulta minn folio 201 tal-atti proċesswali;

Illi fir-rigward tal-ordni ta' probation imposta bis-saħħa ta' Dok NC, huwa prinċipju ta' dritt illi tali ordni ma tikkostitwix ebda kundanna ai fini tal-addebitu tar-recediva;

Illi meta imbad wieħed jifli d-dokument esebit bhala Dok LQ a folio 203 wiehed isib vera kopja ta' tahrika fejn l-appellant qiegħed jiġi mixli li kiser kundizzjoni mogħtija lilu mill- Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fid-data 26.07.01. Pero minn follo 203, jirriżulta li t-tahrika u l-imputazzjonijiet li ġabu magħha kienu assenjati lil Magistrat Dr Noel Cuschieri (u mhux lil Magistrat Dr Lawrence Quintano):

Illi a folio 204 wiehed isib sentenza handwritten li ma fiha ebda konnotati tal-appellant u l-ebda referenza għan-numru ta' referenza tal-kawża li ġiet deċiża permezz ta' dik is-sentenza. In oltre, f'din is-sentenza in kwistjoni jidher li l-Maġistrat Dr Lawrence Quintano illiberat lill-persuna in kwistjoni bil-kundizzjoni li ma jwettaqx

Illi għalhekk anke jekk għas-sahha tal-argument u għas-saħħa tal-argument biss wiehed b'xi mod jasal għall-konklużjoni li s-sentenza a folio 204 hija s-sentenza li tikkorrispondi ghall-imputazzjonijiet misjuba a folio 203, din lanqas ma tikkostitwixxi kundanna u lanqas din is-sentenza ma tista tittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-addebitu tar-reċediva;

Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta li ġiet ippruvata l-addebitu tar-recediva, in kwantu ma teżisti ebda prova li s- sentenzi misjuba a folio 200 et sequitur tal-atti proċesswali jikkostitwixxu res judicata. Ma teżisti ebda prova jekk is-sentenzi in kwistjoni ġewx appellati jew le;

Illi fuq dan il-punt l-appellant jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imħallef Dr Edwina Grima fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Grech (appell numru 615/2016) datata 28 ta' Ġunju, 2017 fejn il-Qorti tal-Appell qalet testwalment:

> "*madanakollu din il-Qorti tara illi kien jenhtieg ghal Prosekuzzjoni li jigi ippruvat is-segwenti u dan dejjem ai fini ta' dak dispost fl-artikoli 50 u 289 tal- Kodici Kriminali:*"

> "*Illi fir-rigward tal-Ordni ta' Probation imposta fuq l-appellanti, huwa principju ta' dritt illi billi tali Ordni ma tikkostitwixxi l-ebda kundanna allura ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' l-addebitu tar-recidiva. Issa kif inghad mill-fedina penali jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Mejju 2012, l-appellanti gie trattat ghal ksur ta' dina l-Ordni. IIII madanakollu l- Prosekuzzjoni tonqos milli tipprezenta s-sentenza fejn l-appellanti gie hekk trattat u l-fedina penali wahedha f'dawn ic-cirkostanzi ma hijiex prova sufficjenti skont il-ligi billi trid tigi esebieta id-decizjoni li tirrifletti l-kundanna inflitta fuq l-appellanti, haga li l-Prosekuzzjoni tonqos milli tagħmel.*"

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha suriferita, l-fedina penali wahedha ma hijiex prova suffiċjenti skont il-Ligi;

Illi għaldaqstant, l-appellant ma seta' qatt jinstab hati bhala reċediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-appellant umilment isostni li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment tasal għas- sejbien ta' ħtija fil-konfront tieghu, u għalhekk jitlob li din l-Onorabbli Qorti **joghġobha tvarja s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni numru sebgha;**

**It-tmien aggravju - il-piena erogata**

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji suesposti, fl-umli fehma tal-appellant il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-imputat hija wahda eċċessiva;

Illi fil-mori tal-proċeduri emerġa car li l-appellant kien mahkum mill-vizzju tad-droga;

Illi l-appellant ilu snin twal jibbattalja kontra dan il-vizzju qerriedi u devastanti;

Illi hu l-appellant stess miet vittma tad-droga iu din il-ġrajja fhajtu tefgħatu lura bħalma tefawh lura diversi problemi li affaċċja f'ħajtu;

Ili biss pero, l-appellant qiegħed jahden qatiegh sabiex jeghleb dan il-vizzju tant qerriedi darba għal dejjem;

Illi l-appellant minn rajh fittex l-għajnuna u qiegħed jieħu l-għajnuna u l-kura nečessarja sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga;

Illi tajjeb li jingħad li l-appellant qiegħed preżentement jaħdem sabiex jidħol għal programm residenzjali u sar progress f'dan is-sens (dan kollu jista' jiġi kkonfermat minn uffiċjali tal-aġenziji rispettivi).

Illi b'żieda ma dan, għandu jittiehed in konsiderazzjoni ukoll il-perjodu li l-appellant ghamel miżmum taht arrest preventiv;

Illi l-appellant umilment jirrileva li tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u taċ-ċirkostanzi personali tieghu, din l-Onorabbli Qorti għandha tvarja s-sentenza appellata fejn jirrigwarda l-piena errogata u li din tiġi sostitwita għal wahda iktar ekwa u ġusta;

Rat ir-risposta tal Avukat Generali limitata ai fini tal-ewwel aggravju imressaq mill-appellant dwar nullita ai termini tal-atikolu 370 (3) (b) u l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawenhekk l-Avukat Generali itenni lli dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa skorret. Jemmen li l-ewwel Qorti imxiet ezatt ma dak illi jipprovdi l-artikolu 370 (3) (b) tal-Kap 9 tal-ligjiet ta' Malta ghaliex jghid li l-appellant gie mistqosi jekk kellux oggezzjoni u huwa ta t-twgiba tieghu. Qal ukoll li wiehed ma jistax jargumenta illi l-appellant ma giex mistoqsi ghal kunsens sommarju u oltre minnhekk illi z-zmien li nghata ma kienx xieraq meta d-durezza ta' tali zmien huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti u ghalhekk din il-Qorti ghandha tichad dan l-aggravju.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel aggravju quddiem din il-Qorti u dan fis-seduta tal-10 ta' April 2025 u semghet lill-istess partijiet jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti sentenza preliminari dwar l-ewwel aggravju u cioe nullita stante li fil-fehma tal-appellant ma gewx oservati l-artikoli 370(3)(b) u/jew l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat,**

Illi, mill-Atti Proċesswali jirriżultaw, *inter alia,* is-segwenti fatti probatorji:

i) Il-proċeduri odjerni kienu mnehdija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar il-25 ta' Awwissu, 2018.

ii) Nhar it-22 ta' Novembru, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja ddikjarat –

> *"Meta issejhet il-kawza dehret l-ufficcjal prosekutur SPettur Lara Butters.*
>
> *Deher l-imputat mhux assistit.*

*Iktar kmieni deher Dr Alfred Abela ghall-imputat.*

*L-ufficjal porosekutur terga tiddikjara li m'ghandhiex iktar provi xi tressaq.*

*Inqraw l-artikoli.*

*L-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti.*

*Il-Kawza qerd tigi differeita ghas 16 ta Marzu ghal provi kollha tad-difiza. L-imuat niotifikat fl-awla."*

iii) Nhar l-20 ta' Jannar 2020, l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, biex l-imputat jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta0 bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

iv) Kompla s-smiegħ tal-provi tal-Prosekuzzjoni sakemm nhar 22 ta' Novembru 2021, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara definittivament li l-provi tal Prosekuzzjoni kienu magħluqa. Inqraw l-artikoli u minkejja l il-kawza giet differita ghal rpovi tad-difiza diversi drabi dawn ma instemghux, sakemm nhar l-=14 ta' April 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *in difetto ostacolo* għaddiet għas-sentenza.

Kif tajjeb imfisser fis-sentenza **il-Pulzija vs Peter Pierre Falzon**[1] l-mument meta għandu jitqies illi l-Qorti tal-Maġistrati tiġi konvertita mill kompetenza Istruttorja tagħha għal dik fejn hija mħollija f'idejha il-ġudizzju tal-każ meta imbagħad issir Qorti tal-Ġudikatura Kriminali, hija imfassla mill-leġislatur fl artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali taħt is-Sub-Titolu "Fuq il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali". Din id-dispożizzjoni tal-liġi, li rat diversi emendi fiha miż-żmien tal-promulgazzjoni tagħha, telenka essenzjalment dawk il-każijiet li jaqgħu fil-manzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u mhux fil-vesti Istruttorja tagħha.

[1] Deciza 23 ta Frar 2024 mill Qorti tal Appelli Kriminali

Illi f'waħda mill-istanzi msemmija fl-artikolu 370 meta l-Qorti tal-Maġistrati hija vestita bil-kompetenza aġġudikattva tagħha, hija dik li isseħħ meta l-Avukat Generali, jekk jidhirlu illi mill-provi miġbura fl-Istruttorja jirriżulta reat li jaqa' fil-kompetenza estiża tal-qorti inferjuri, allura jadixxi lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u dan fit-termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali b'rinviju, indirizzat lil dik il-Qorti, li fih huwa jispjega t-termini li bihom l-Qorti għandha tiddeċiedi l-kawża u dan meta jindika mhux biss ir-reati li dwarhom tista' tinstab ħtija fil-konfront ta'l-imputat, iżda ukoll jekk il-Qorti għandhiex tisma' xi xhieda oħra qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha.

Magħdud dan madanakollu, l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal ġudikatura kriminali tista' tiġi radikata bil-kunsens ta'l-imputat sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. Fil-każ li dan ma jagħtix dak il-kunsens, allura il-Qorti tal-Maġistrati trid tirrinvija l-atti lura lill-Avukat Ġenerali sabiex tinħareġ l-att ta'l - akkuża. Mingħajr dak il-kunsens il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tgħaddi għad deċiżjoni tagħha. Huwa dan **il-kunsens biss jew nuqqas tiegħu** [2]li b'xi mod jista ixejjen il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha ta' Ġudikatura Kriminali. Fil fatt l-artikolu 370(3)(a) jiddisponi testwalment hekk:

> *"B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna."*

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi jemerġu dawn iż-żewġ fatturi determinanti kif spjegat hawn fuq, u ċioe', illi fl-ewwel lok meta l-Avukat Ġenerali jibgħat in-nota ta' rinviju għal ġudizzju tiegħu huwa qiegħed jadixxi l-Qorti fil-vesti tagħha tal Ġudikatura Kriminali. Il-Qorti, madanakollu, hekk adita, tista tgħaddi għal ġudizzju biss **<u>jekk</u>** l-imputat jagħti l-kunsens tiegħu sabiex hekk iseħħ. Meta dan il-kunsens ma jingħatax allura il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza tisma' u tiddeċiedi l-każ u trid

[2] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

terġa' tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali sabiex tinħareġ l-att ta'l-akkuża. Fil-fatt is sub-inċiż (b) jipprovdi illi meta l-atti jinbagħtu lura lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti **ghandha**[3] tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, **fid-diskrezzjoni tagħha**[4], żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija. Dan ifisser illi ir-rwol tan-nota ta' rinviju għal ġudizzju jagħti lil Qorti tal-Maġistrati is-setgħa li tiddeċiedi l-każ prevja ovvjament l-kunsens tal-imputat. Iżda l-legislatur jimponi obbligi ohra fuq il-Qorti tal-Magistrati qabel ma hi tghaddi biex titlob il-kunsens mill-imputat sabiex titratta u tiddeciedi l-vertenza imressqa quddiemha:

> *"Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)"*

Illi ġie deċiż illi:

> *"Meta l-Avukat Generali jirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati skond is subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 tal-Kodici Krminali, huwa jkun qed jadixxi lil dik il-qorti fl-attribuzzjoni taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dan jirrizulta car anke mill-istess nota ta' rinviju a fol. 133 li hi kjarament indirizzata "Lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali". Huwa minnu li biex tipprocedi u tghaddi biex tiggudika, dik il qorti jrid ikollha l-kunsens ta' l-akkuzat, izda dana l-ostakolu procedurali ma jfissirx li dik il-qorti tkun ghadha Qorti Istruttorja. Hija tkun Qorti ta' Gudikatura Kriminali li pero`, principalment fl-interess ta' l-akkuzat, trid issegwi certa procedura biex jigi assigurat li jkun hemm effettivament il kunsens ta' l-akkuzat ghalbiex il-kaz tieghu jigi deciz sommarjament minn dik il-qorti flok imur biex jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali*[5]*."*

[3] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti
[4] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti
4

[5] Il-Pulizija vs Francis sive Frank Portelli – deciza 25/07/2008

Illi, mill-iter proċesswali huwa evidenti illi minkejja li l-Avukat Ġenerali bagħat in Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju nhar l-20 ta Jannar 2020, fejn ndika l-artikoli tal liġi li dwarhom, fil-fehma tiegħu, setgħet tinstab ħtija, imkien fl-atti proċesswali odjerni ma hemm indikat li l-l-imputat qua appellant gie msitqosi jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat b'mod sommarju. Anke jekk gie msitqosi fin-nuqqas t rpesenza ta vuakt ftit li xejn jsita jkolha effett domadna bhal din. LAnqas ma jirrizulta li l-imptat ingahta zmien xieraq sbeix jikkonsidra tali domanda qabel ma gier egitratat li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati fil kompetenza tagħha ta' ġudikatura kriminali, u dan kif ġustament jingħad fir-rikros tal-appell. Dan madanakollu ma jfissirx, illi dawn l-iżbalji proċedurali jwasslu għan-nullita' tal-proċeduri fl-intier tagħhom, iżda biss għan-nullita' mill-mument illi l-Avukat Ġenerali bagħat in-nota ta' rinviju għal ġudizzju billi sa dan il-mument l-Ewwel Qorti imxiet sew fil-kompetenza tagħha bħala Qorti ta' istruzzjoni.

Illi allura, n-nullita' li qed tigi ravvizata ghanhda tolqot il-proċeduri biss u unikament mill-mument illi l-provi tal-Prosekuzzjoni ingħalqu, u qabel ma l-Qorti għaddiet biex taqra la-rtikoli u issaqsi jekk l-imputat ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz mill-Qortii tal-MAgistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali, billi minn dan il-mument kellha tkun segwita il-proċedura indikata mill-liġi.

Wara li din il-Qorti fliet l-atti processwali tikkonkludi li ma hemmx nullita' assoluta, għalkemm ma hemmx osservanza sħiħa ma' dak dispost fil-liġi. Kwindi sabiex ma jkun hemm ebda difett fl-iter proċesswali jkun għaqli illi l- atti jkunu dikjarati nulli mill-mument tal-egħluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni bil-Qorti tal-Maġistrati, fl-vesti tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tara li jinqraw l-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tal-20 ta Jannar 2020, u wara dan tistaqsi lill-appellat jekk huwa għandux oġġezzjoni li l każ tiegħu jkun trattat bil-proċedura sommarja preferibbilment fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, u wara li tikseb dak il-kunsens, tgħaddi biex tisma' l-provi tad-difiża u tiddeċiedi l-każ skont il-liġi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant Kevin Cacciattolo, tgħaddi sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-proċeduri nulli

u mingħajr effett fil-liġi unikament mill-mument illi ngħalqu l-provi tal Prosekuzzjoni 'il quddiem. Għalhekk tirrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex minn dan il-mument tipproċedi bis smigħ tal-każ skont il-liġi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**